



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' April 2018 – Polski Koncern Naftowy Orlen vs EUIPO (Forma ta' pompa tal-petrol)

(Kawżi T-339/15 sa T-343/15)

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade marks tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea – Forma ta' pompa tal-petrol – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru distintiv – Artikolu 65(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Atti li jilqgħu b'mod sħiħ it-talbiet tar-rikorrenti – Deċiżjoni tar-rinviju tal-Bord tal-Appell – Natura vinkolanti tal-motivi ta' deċiżjoni tar-rinviju – Ammissibbiltà – Obbligu ta' motivazzjoni”

1. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għat-tressiq ta' kawża – Persuni li jistgħu jippreżentaw rikors u jkunu parti fil-kawża – Persuni li t-talbiet tagħhom ma jintlaqgħux permezz ta' deċiżjoni – Deċiżjoni li tilqa' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark, ibbażata fuq l-eżistenza tal-probabbiltà ta' konfużjoni ma' trade mark preċedenti, mingħajr ma tirrikonoxxi lil din tal-aħħar il-karattru distintiv imsaħħaħ – Assenza ta' interess ġuridiku – Inammissibbiltà*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 65(4))

(ara l-punti 29, 30)

2. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għat-tressiq ta' kawża – Persuni li jistgħu jippreżentaw rikors u jkunu parti fil-kawża – Persuni li t-talbiet tagħhom ma jintlaqgħux permezz ta' deċiżjoni – Deċiżjoni li tibgħat lura l-kawża għall-istanza inferjuri għal eżami mill-ġdid*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 64(2), u 65(4))

(ara l-punt 32)

3. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Dispożizzjonijiet proċedurali – Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet – L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 – Portata identika għal dik tal-Artikolu 296 TFUE – Formalità essenzjali*

(Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75)

(ara l-punt 33)

4. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prassi deċiżjonali preċedenti tal-Uffiċċju – Prinċipju ta' legalità – Neċessità ta' eżami strett u komplet f'kull każ konkret*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)

(ara l-punt 34)

5. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Eżami tar-raġunijiet għal rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi koperti mill-applikazzjoni għal reġistrazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni – Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75)

(ara l-punti 35-39)

Suġġett

Ħames rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' April 2015 (Każijiet R 2245/2014-5, R 2247/2014-5, R 2248/2014-5, R 2249/2014-5 u R 2250/2014-5), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' sinjali tridimensjonali li jikkonsistu fil-forma ta' pompa tal-petrol bħala trade marks tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-339/15 sa T-343/15 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda bħala inammissibbli għall-prodotti u s-servizzi li ma humiex parti mill-firxa abitwali tal-pompi tal-petrol (il-fjuwil tal-avjazzjoni, il-kokk tal-pitrolju, ix-xileni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuwil).
- 3) Id-Deċiżjonijiet tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' April 2015 (Każijiet R 2245/2014-5, R 2247/2014-5, R 2248/2014-5, R 2249/2014-5 u R 2250/2014-5) huma annullati għall-prodotti u s-servizzi għajr dawk li ma humiex parti mill-firxa abitwali tal-pompi tal-petrol (il-fjuwil tal-avjazzjoni, il-kokk tal-pitrolju, ix-xileni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuwil) u li huma koperti mit-trade marks mitluba.
- 4) EUIPO hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha u erbgħa minn ħamsa tal-ispejjeż ta' Polski Koncern Naftowy Orlen SA, u din tal-aħħar għandha tbatl wieħed minn ħamsa tal-ispejjeż proprji tagħha.